KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.11.2008
KUMM(2008) 794 finali

GREEN PAPER

Dwar ir-Rimedju Kollettiv tal-Konsumaturi

(preżentat mill-Kummissjoni)

GREEN PAPER

Dwar ir-Rimedju Kollettiv tal-Konsumaturi

1. ID-DAĦLA

1. F'ekonomija dejjem aktar globalizzata u diġitali, u orjentata lejn il-konsumatur, suq waħdieni li jirreaġixxi b'mod effiċjenti għat-talbiet tal-konsumatur jgħin ukoll biex jipprovdi ekonomija innovattiva u kompetittiva. Li titħeġġeġ parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fit-tħaddim tajjeb tas-swieq tgħin biex tipproteġi kondizzjonijiet kompetittivi sani. B'mod partikolari, aċċess għar-rimedju mill-konsumaturi meta l-kummerċjanti jiksru d-drittijiet tal-konsumaturi jippromwovi l-fiduċja tal-konsumatur fis-swieq u jtejjeb il-prestazzjoni tagħhom.

2. F'dan il-kuntest l-Istrateġija tal-Kummissjoni ta' Politika tal-Konsumatur[1] tistipula l-għan li tippromwovi s-suq intern bl-imnut billi trendi lill-konsumaturi u lill-bejjiegħa bl-imnut kunfidenti li jixtru b'mod transkonfinali bl-istess mod kif inhuma f'pajjiżhom sal-2013. Madankollu, dan l-għan jista' jinkiseb biss jekk il-konsumaturi jkunu jafu li jekk ikollhom problema, id-drittijiet tagħhom se jkunu nfurzati u se jirċievu rimedju adegwat. 76 % tal-konsumaturi li għandhom livell baxx ta' fiduċja fix-xiri transkonfinali jħossu li huwa importanti ħafna jew importanti mhux ħażin għall-fiduċja tagħhom li jkunu kapaċi jressqu każ quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom skont il-liġi nazzjonali tagħhom[2]. Dan jindika nuqqas ta' fiduċja f'sistemi legali oħra, kemm fir-rigward ta' drittijiet sostantivi kif ukoll fir-rigward tal-mezzi sodisfaċenti ta' rimedju. Il-proposta għal Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur[3] għandha tindirizza l-kwistjoni ta' ċertezza legali dwar drittijiet sostantivi. Minkejja dan, l-effikaċità tar-rimedju transkonfinali teħtieġ tiġi indirizzata b'mod indipendenti.

3. Fl-istrateġija tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' mekkaniżmi effettivi ta' rimedju għall-konsumaturi u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tqis azzjoni dwar rimedju kollettiv tal-konsumaturi. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonimoku u Soċjali Ewropew laqgħu bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb ir-rimedju tal-konsumaturi u b'mod partikolari biex tqis azzjoni dwar rimedju kollettiv[4]. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OKIE) fir-rakkomandazzjoni tagħha dwar is-soluzzjoni u r-rimedju[5] tat-tilwim ħeġġet lill-

---

1 COM (2007) 99 finali

2 Flash Eurobarometer (EB) 57.2 – Ir-Rebbiegħa 2002

3 COM (2008) 614 finali

4 Fir-reżoluzzjonijiet tagħhom dwar l-Istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur, il-PE staqsa lill-Kummissjoni, wara valutazzjoni bir-reqqa tal-kwistjoni tar-rimedju fl-istati membri "*...biex tippreżenta, kif xieraq, soluzzjoni koerenti fil-livell Ewropew, u tipprovdi lill-konsumaturi kollha b'aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għas-soluzzjoni ta' lmenti transkonfinali"* (A6-0155/2008); il-Kunsill steieden il-Kummissjoni "*...sabiex tqis bir-reqqa mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv u tippreżenta r-riżultati tal-istudji rilevanti li qed isiru, bil-ħsieb ta' kwalunkwe proposta jew azzjoni possibbli*", ĠU C 166, 20.7.2007, p. 1-3. It-talba tal-PE ttenniet fir-riżoluzzjoni dwar il-Green Paper dwar is-servizzi finanzjarji tal-bejgħ (A6-0187/2008). Il-kumitat ta' inkjesta tal-PE dwar Ħajja Ġusta kien ukoll talab il-Kummissjoni "*... biex tinvestiga b'mod ulterjuri l-possibilità li twaqqaf qafas legali b'rekwiżiti proċedurali ċivili għal azzjonijiet kollettivi transonfinali Ewropej…*" (A6-0203/2007). Il-KESE fl-opinjoni tiegħu fuq inizjattiva proprja tal-14 ta' Frar 2008 INT-348 – CESE 258/2008 ppreżenta proposti fir-rigward ral-arranġamenti għall-mekkaniżmi ta' RK

5 http://www.oecd.org/dataoecd/43/50/38960101.pdf

pajjiżi membri tagħha biex jipprovdu lill-konsumaturi b'aċċess għal mezzi differenti ta' rimedju, inklużi mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv.

4. L-iskop ta' din il-Green Paper huwa li tivverifika l-qagħda attwali tal-mekkaniżmi ta' rimedju, b'mod partikolari f'każijiet fejn bosta konsumaturi probabbli jintlaqtu mill-istess ksur legali, u li tipprovdi alternattivi biex timla kwalunkwe lakuna għal rimedju effettiv li tiġi identifikata f'każijiet bħal dawn. Minħabba li l-integrazzjoni tas-suq ekonomiku fil-livell tal-bejgħ bl-imnut iwassal dejjem iżjed lill-konsumaturi biex jieħdu sehem fis-swieq bl-imnut lil hinn mill-fruntieri tagħhom u b'hekk jintlaqtu mill-istess prattiċi bħal xerrejja nazzjonali, ma nstabx utli li ssir distinzjoni bejn mekkaniżmi transkonfinali għall-talbiet mill-massa u mekkaniżmi purament nazzjonali. Kwistjoni oħra li titfaċċja hija jekk strumenti li possibilment jingħażlu għandhomx japplikawx biss għal każijiet transkonfinali jew għal każijiet nazzjonali wkoll.

5. Il-Green Paper attwali ma tindirizzax ir-rimedju kollettiv għall-vittmi tal-ksur tal-liġi tal-antitrust minħabba n-natura speċifika tal-liġi tal-antitrust u l-ambitu usa' tal-vittmi li jinkludu wkoll l-SMEs. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssuġġeriet, fil-White Paper[6] tagħha, sett ta' miżuri speċifiċi biex tiżgura li l-konsumaturi flimkien man-negozji minn madwar l-Istati Membri tal-UE jistgħu jiksbu kumpens effettiv għad-danni li ġarrbu b'riżultat tal-ksur tal-liġi tal-antitrust tal-KE. Dawn il-miżuri jinkludu żewġ mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv imfassla biex jegħlbu d-diffikultajiet partikolari li jiltaqgħu magħhom il-vittmi ta' ksur tal-antitrust, jiġifieri azzjoni kollettiva fakultattiva għal bosta vittmi li espliċitament jiddeċiedu li jgħaqqdu t-talbiet individwali tagħhom f'azzjoni unika u f'azzjoni rappreżentattiva, li tista' titressaq minn entitajiet ikkwalifikati bħalma huma organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew korpi statali f'isem grupp ta' vittmi.

2. ID-DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAL-PROBLEMA

6. Hekk kif is-swieq tal-konsumaturi tal-massa jespandu fid-daqs u jsiru saħansitra transkonfinali, għadd kbir ħafna ta' konsumaturi jistgħu jintlaqtu ħażin mill-istess prassi ta' kummerċjant jew minn prassi simili. L-effett tal-prassi ħażina jista' jkun tant mifrux li jgħawweġ is-swieq. Pereżempju, il-banek tar-Renju Unit qed jiġu investigati talli imponew b'mod sistematiku spejjeż eċċessivi fuq bosta mijiet ta' konsumaturi li qabżu l-limiti tal-kontijiet tagħhom[7]. Azzjoni ta' infurzar immexxija mill-KE madwar l-Unjoni Ewropea żvelat abbuż mifrux fis-suq tal-melodiji għall-mobajl[8]: madwar 60 % tal-websajts li ġew ikkontrollati kellhom l-informazzjoni prekontrattwali obbligatorja, iżda ħbewha jew ippreżentawha b'ittri żgħar. Ir-riklami ddikjaraw li kien hemm offerta ta' melodiji għall-mobajl "b'xejn" iżda meta taċċetta l-offerta tispiċċa tħallas u kultant twassal saħansitra għall-abbonament.

7. Minħabba li l-ksur ta' drittijiet tal-konsumatur li jolqot għadd kbir ħafna ta' individwi jista' joħloq tgħawiġ fis-swieq, il-Green Paper tiffoka fuq is-soluzzjoni tal-każijiet tat-talbiet tal-massa u timmira li tipprovdi mezz effettiv ta' rimedju kollettiv għaċ-

---

6 White Paper dwar azzjonijiet ta' ħsara għall-ksur tar-regoli tal-antitrust tal-KE, COM (2008) 165 finali, http://ec.europa.eu/comm/competition/antitrust/actionsdamages/documents.html

7 http://www.oft.gov.uk/advice_and_resources/resource_base/market-studies/current/personal/personal-test-case

8 http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/08/1169&format=HTML&aged=0&language=EN

ċittadini madwar l-UE. Dan ifisser mekkaniżmi li permezz tagħhom grupp kbir ta' konsumaturi affetwati minn prassi ta' kummerċjant wieħed jista' jikseb rimedju b'mod effettiv ikun fejn ikun il-kummerċjant fl-UE.

8. Bħalissa, meta konsumaturi affetwati minn prassi ħażina jkunu jridu jressqu każ, jiltaqgħu ma' ostakli[9] mil-lat ta' aċċess, effettività u spiża. Dan huwa partikolarment minnu għat-talbiet li jinvolvu ammonti żgħar. Is-setturi li fihom il-konsumaturi jsibuha l-iktar diffiċli biex jiksbu rimedju għat-talbiet tal-massa huma s-servizzi finanzjarji (39 % tal-każijiet dokumentati), it-telekomunikazzjoni (12 %), it-trasport (8 %) kif ukoll il-vjaġġi "b'kollox inkluż" u t-turiżmu (7 %)[10]. Dawn huma setturi fejn il-konsumatui huma dejjem iżjed probabbli li jipparteċipaw f'attivitajiet transkonfinali.

9. Il-konsumaturi jistgħu dejjem jidħlu l-qorti biex jiksbu rimedju individwali. Għalhekk it-talbiet tal-massa fil-prinċipju jistgħu jiġu solvuti b'għadd kbir ta' talbiet individwali. Iżda hemm ostakli li *de facto* jwaqqfu lill-konsumaturi Ewropej milli jiksbu rimedju effettiv. Dawn huma b'mod partikolari spejjeż għoljin ta' litigazzjoni u proċeduri kumplessi u li jieħdu fit-tul. Wieħed minn kull ħames konsumaturi Ewropej mhuwiex se jidħol il-qorti għal inqas minn EUR 1000. Nofshom jgħidu li mhux se jidħlu l-qorti għal inqas minn EUR 200[11]. **L-ispejjeż għolja** u **r-riskju ta' litigazzjoni** ma jagħmluhiex vijabbli għal konsumatur biex iħallas l-ispejjeż tal-qorti, tal-avukat u l-esperti li jistgħu jaqbżu l-kumpens. **Il-proċeduri huma tant kumplessi u mġebbdin** li l-konsumaturi jistgħu jsibu lilhom infushom maqbudin mingħajr l-ebda idea ċara ta' meta (jew jekk) il-każ tagħhom se jissolva b'mod sodisfaċenti. Huma biss 30 % tal-konsumaturi li jaħsbu li hija faċili li ssolvi tilwim permezz tal-qrati[12].

10. Xi drabi, iżda mhux dejjem, il-konsumaturi jista' jkollhom aċċess għall-mekkaniżmi individwali ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim. L-istat ta' dawn il-mekkaniżmi madwar l-UE huwa frammentat. L-aċċess għalihom ivarja madwar l-Istati Membri u saħansitra fi ħdan l-Istati Membri jista' jvarja skont is-settur, pereżempju billi jkunu disponibbli biss għal setturi speċifiċi. Huma biss 39 % tal-konsumaturi Ewropej li jemmnu li ssolvi tilwim ma' kummerċjanti permezz ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim hija ħaġa ħafifa[13].

11. Il-konsumaturi huma wkoll nieqsa mill-għarfien dwar it-tipi differenti ta' għodda ta' infurzar u ta' rimedju li huma disponibbli, partikolarment jekk jaqsmu l-fruntieri, jew fiżikament inkella permezz tal-kummerċ virtwali. Jidher li hemm ukoll nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi attwali li tnaffar l-ilmenti u għalhekk ixxekkel lill-konsumaturi milli jiksbu rimedju. 51 % tal-konsumaturi li lmentaw ma' kummerċjant u li ma kenux sodisfatti bil-mod kif ġie trattat l-ilment tagħhom, ma ħadux azzjoni

---

9 Cf. Studju dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom konsumaturi biex jiksbu rimedju għall-ksur tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur, u l-konsegwenzi ekonomiċi ta' problemi bħal dawn (Studju tal-Problema), p.42, http://ec.europa.eu/consumers/redress_cons/collective_redress_en.htm

10 Studju tal-Problema, p. 21

11 L-Ewrobarometru speċjali dwar Aċċess għall-Ġustizzja, Ottubru 2004, p. 29; dawn iċ-ċifri jikkonernaw biss l-UE-15

12 Servej tal-Ewrobarometru dwar il-Protezzjoni tal-Konumatur fis-Suq Intern, Settembru 2008

13 Minkejja dan, il-qagħda hija differenti minn pajjiż għall-ieħor. L-Olanda hija l-pajjiż bl-ogħla persentaġġ ta' konsumaturi kunfidenti bis-Soluzzjonijiet Alternattivi ta' Tilwim (57 %), segwita mill-pajjiżi tat-Tramuntana (id-Danimarka u l-Finlandja 47 %, u l-Iżvezja 45 %). Min-naħa l-oħra, il-Bulgarija għandha l-iktar ċifra baxxa (12 %), flimkien mas-Slovakkja (17 %) u l-Portugall (19 %). Ara n-nota tal-qiegħ nru 12

ulterjuri.[14] Studju li sar mill-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust tar-Renju Unit dwar id-detriment tal-konsumatur juri li bħala medja 62 % biss tal-konsumaturi li saritilhom ħsara jilmentaw fir-Renju Unit u dan il-persentaġġ jaqa' għal 54 % għal xirjiet ta' inqas minn GBP 10[15]. Meta staqsew lill-konsumaturi liema huma l-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom meta jixtru b'mod transkonfinali, huma kklassifikaw bħala l-ogħla waħda d-diffikultajiet ta' soluzzjoni tal-problemi (33 %)[16].

12. Bħalissa 13-il Stat Membru għandhom mekkaniżmi ġuridiċi ta' rimedju kollettiv. Dawn il-mekkaniżmi huma differenti ħafna bejn il-pajjiżi u għandhom riżultati varji. L-istudju mniedi mill-Kummissjoni[17] u l-konsultazzjonijiet imwettqa[18] juru li l-maġġoranza vasta tal-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għandhom it-tendenza li jkollhom uħud mill-elementi li jaħdmu, u wħud li ma jaħdmux. Kważi l-mekkaniżmi eżistenti kollha ta' rimedju kollettiv għandhom xi valur miżjud meta mqabbla ma' rimedju ġuridiku individwali u skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim[19]. Iżda l-effiċjenza u l-effettività tagħhom jistgħu jittejbu. Il-mekkaniżmi ġew applikati relattivament fi ftit każijiet.[20] L-iċken numru ta' konsumaturi li jużaw il-mekkaniżmu kollettiv ta' rimedju huwa fil-Ġermanja fejn bħala medja erbgħa biss minn kull 10 miljun ruħ ħadu sehem f'azzjoni ta' rimedju kollettiv[21]. Il-mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv li laħaq l-iktar nies f'każ wieħed huwa dak tal-Portugall fejn każ kontra kumpanija tat-telekomunikazzjoni ta rimedju lil madwar tliet miljun konsumatur milquta mill-istess spiża żejda. Il-kumpens lil dawn il-konsumaturi kien fil-biċċa l-kbira mhux fi flus. Il-benefiċċju medju lill-konsumaturi f'mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv varjaw minn EUR 32 fil-Portugall sa EUR 332 fi Spanja.[22]

13. L-elementi li jikkontribwixxu għall-effettività u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu tar-rimedju kollettiv jinkludu appoġġ politiku finanzjarju mill-gvernijiet, kopertura prominenti fil-mezzi tal-massa (li tista' sservi bħala inċentiv għall-kummerċjanti biex jaslu għal soluzzjoni u tista' tgħin ukoll biex issib kumpaniji ta' finanzjament; b'mod ġenerali jista' jkollha effett ta' deterrent lil kontraventuri), l-ebda spiża ta' litigazzjoni jew inkella waħda baxxa għall-konsumaturi, l-ebda spiża ta' litigazzjoni jew waħda mraħħsa għar-rappreżentanti, soluzzjonijiet flessibbli fir-rigward tal-ispejjeż tal-avukati u jinqabżu l-formalitajiet ta' proċeduri normali taċ-ċivil.

14. Min-naħa l-oħra, l-elementi li jfixklu l-effettività u l-effiċjenza ta' mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv jinkludu finanzjament insuffiċjenti, nuqqas ta' għarfien espert u ta'

---

14 Ara http://www.oft.gov.uk/advice_and_resources/publications/reports/consumer-protection/

15 Ara n-nota tal-qiegħ nru 12

16 Ara n-nota tal-qiegħ nru 12

17 Studju dwar il-Valutazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tal-mekkaniżmi ta' RK fl-Unjoni Ewropea (Studju ta' Valutazzjoni), p. 47 u l-parti II (rapporti tal-pajjiż); http://ec.europa.eu/consumers/redress_cons/collective_redress_en.htm

18 Il-Kummissjoni organizzat workshop f'Leuven f'Ġunju 2007 u organizzat ukoll tliet workshops oħra mal-konsumaturi, il-partijiet interessati tan-negozju u persuni li jipprattikaw il-liġi f''Mejju-Ġunju 2008. Waqt il-Konferenza tal-Presidenza Portugiża dwar ir-RK f'Liżbona f'Novembru 2007, tnediet konsulatzzjoni dwar standards ta' referenza għal sistema effettiva u effiċjenti tar-RK, http://ec.europa.eu/consumers/redress_cons/collective_redress_en.htm

19 Studju ta' Valutazzjoni, p 93

20 Ġew dokumentati 326 każ. Għadd ta' mekkaniżmi (l-azzjonijiet ta' grupp Bulgari, Daniżi u Finlandiżi u l-proċeduri ta' test case) iddaħħlu wkoll dan l-aħħar sabiex jiġu vvalutati kif xieraq. Il-mekkaniżmu Taljan jinsab f'analiżi

21 Studju ta' Valutazzjoni, p 116

22 Studju ta' Valutazzjoni, p 116. Dawn iċ-ċifri jeskludu r-riżultati għall-Olanda li huma miżrappreżentati minn ftit każijiet li jinvolvu kumpaniji kbar u ammonti sinifikanti

riżorsi ta' organizzazzjonijiet tal-konsumatur, il-fatt li r-riskju li jitħallsu spejjeż għolja ta' litigazzjoni spiss iġorruh l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, il-kumplessità ta' mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv, rekwiżiti stretti ħafna fir-rigward tal-ammissibilità u ta' jedd li taġixxi (li jwaqqfu l-aċċess għall-mekkaniżmi), it-tul tal-proċedimenti u l-kapaċità tal-akkużati li jtawlu l-proċedimenti, in-nuqqas ta' kopertura mill-mezzi tal-massa, l-impossibilità li jitqassmu b'mod effettiv is-somom miġbura mill-azzjonijiet, id-dipendenza tal-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fuq ir-rieda tal-kummerċjant li jikkoopera u l-użu ta' mekkaniżmu wieħed ta' rimedju kollettiv għat-talbiet kollha, mingħajr ma jitfassal il-mekkaniżmu għall-valur, il-ħtiġijiet u l-ispeċifitajiet ta' kull talba partikolari.

15. B'konsegwenza tad-dgħufija tal-qafas attwali ta' rimedju u ta' infurzar fl-UE, proporzjon sinifikanti ta' konsumaturi li sofrew dannu ma jiksbux rimedju. F'każijiet ta' talbiet tal-massa li jolqtu għadd kbir ħafna ta' konsumaturi, minkejja li kultant id-dannu jkun żgħir għall-konsumatur individwali, jista' jkun kbir għad-daqs tas-suq. Hekk kif dawn is-swieq isiru aktar transkonfinali fin-natura tagħhom, l-aċċess transkonfinali effettiv għall-mekkaniżmi ta' rimedju jsir wieħed meħtieġ. Illum, qrib l-10 % tat-talbiet ta' rimedju kollettiv għandhom element transkonfinali[23]. Pereżempju, dan l-aħħar kumpanija tar-Renju Unit qassmet kumpuni li jingirfu f'gazzetti Irlandiżi u offriet btajjel "b'xejn", filwaqt li fir-realtà din l-offerta swiet kull konsumatur minimu ta' EUR 130[24]. B'integrazzjoni ulterjuri tas-swieq dan il-persentaġġ probabbli jiżdied.

3. L-ISTRUMENTI ATTWALI EWROPEJ

16. Xi strumenti mfassla speċifikament għar-rimedju tal-konsumaturi diġà jeżistu fil-livell Ewropew. Hemm żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni[25] biex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim permezz ta' proċeduri sempliċi u li mhumiex għaljin. Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet jistipulaw prinċipji għat-tħaddim tajjeb ta' soluzzjonijiet barra mill-qorti. Id-Direttiva tal-Inġunzjonijiet[26] tipprovi proċedura li tippermetti lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u l-awtoritajiet pubbliċi biex iwaqqfu ksur fl-esteru. L-infurzar pubbliku dan l-aħħar issaħħaħ permezz tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi[27], li jippermetti lil awtoritajiet nazzjonali nominati biex jitolbu lil awtorità ta' Stat Membru ieħor biex taġixxi dwar ksur. La d-Direttiva tal-Inġunzjoni u l-anqas ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi ma tipprevedi kumpens tal-konsumatur.

17. Il-prestazzjoni globali tal-istrumenti attwali ta' rimedju tal-konsumaturi u tal-għodda ta' infurzar imfassla fil-livell tal-UE mhijiex sodisfaċenti. Ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi huwa relattivament ġdid iżda jindika

---

23 Studju ta' Valutazzjoni, p 44

24 Studju tal-Problema, l-Anness 3

25 Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni extra-ġudizzjarji ta' disputi tal-konsumaturi, ĠU L 115, 17.04.1998, p. 31 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE dwar il-prinċipji tal-korpi ta' barra l-qrati involuti fir-reżoluzzjoni tal-konsensus dwar Soluzzjonijiet Alternattivi ta' Tilwim tal-konsumatur

26 Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, ĠU L 166, 11.6.1998, p. 51.

27 Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

li l-infurzar pubbliku transkonfinali għadu mhuwiex sodisfaċenti. Mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim mhumiex disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri kollha jew fis-setturi kollha. Pereżempju, kważi fl-ebda Stat Membru ma hemm skemi ta' soluzzjoni alternattiva ta' tilwim fis-settur tat-trasport tal-ajru. S'issa żewġ każijiet transkonfinali biss tressqu minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva tal-Inġunzjoni fl-1998[28], u r-raġunijiet ewlenin huma r-riskju finanzjarju għall-entità li tressaq il-każ kif ukoll il-kumplessità u d-dversità tal-proċedimenti nazzjonali ta' inġunzjoni.

18. Minħabba li hemm evidenza li l-kondotta ħażina kummerċjali li tolqot bosta konsumaturi spiss ma tiġix solvuta u minħabba li, meta jeżisti, ir-rimedju kollettiv jista' potenzjalment jipprovdi mezz komplementari ta' tnaqqis tad-detriment tal-konsumatur, din il-Green Paper tiffoka fuq rimedju kollettiv bħala għodda li tista' tgħin biex issolvi l-problemi li konsumaturi jiltaqgħu magħhom biex jiksbu r-rimedju għat-talbiet tal-massa kemm f'kuntest nazzjonali kif ukoll f'kuntest transkonfinali. 76 % tal-konsumaturi huma aktar lesti li jiddefendu d-drittijiet tagħhom fil-qorti jekk ikunu jistgħu jingħaqdu ma' konsumaturi oħrajn[29]. In-negozji jkunu jistgħu jevitaw telf permezz ta' kompetizzjoni inġusta, jiksbu iktar ċertezza legali u jnaqqsu wħud mill-ispejjeż tagħhom ta' litigazzjoni billi jkunu jistgħu jirraggruppaw it-talbiet imressqa kontrihom[30]. Fl-istess waqt, is-salvagwardji meħtieġa jridu jittieħdu biex in-negozji ma jitgħabbewx b'talbiet mhux meritevoli, b'danni punittivi, jew bi spejjeż eċċessivi.

4. L-ALTERNATTIVI

19. Il-qagħda attwali tar-rimedju tal-konsumatur fl-UE mhijiex sodisfaċenti u mhijiex tippermetti lil għadd kbir ta' konsumaturi milquta bi ksur uniku tal-liġi biex jiksbu rimedju u kumpens. Il-Kummissjoni identifikat għadd ta' alternattivi li jistgħu jintużaw biex jindirizzaw din il-kwistjoni, li hija importanti għall-protezzjoni tas-swieq bl-imnut sani u integrati fl-UE. L-għan huwa li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li jaħdmu kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kummerċjanti. L-alternattivi ta' hawn taħt huma ppreżentati fi grad dejjem jiżdied ta' involviment tal-UE. Dawn l-alternattivi flimkien ma' elementi differenti fl-alternattivi jistgħu wkoll jingħaqdu.

L-alternattiva 1 - L-ebda azzjoni tal-KE:

20. Din l-alternattiva ma tinvolvi l-ebda azzjoni ġdida tal-KE u tistrieħ fuq miżuri eżistenti nazzjonali u tal-KE biex tikseb rimedju għall-konsumaturi. Skemi ġuridiċi nazzjonali ta' rimedju, jew individwali inkella kollettivi, marbuta ma' mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u sistemi għat-trattament tal-ilmenti mwaqqfa minn kummerċjanti/fornituri tas-servizzi, jipprovdu rimedju għall-konsumaturi b'talbiet tal-massa. Sa liema punt dan ir-rimedju huwa effettiv ivarja, skont is-sistemi differenti stabbiliti.

---

28 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Inġunzjoni, http://ec.europa.eu/consumers/enforcement/injunctions_en.htm

29 Din iċ-ċifra tippreżenta żieda żgħira meta mqabbla mal-Eurobarometru preċedenti fl-2006 (74 %). Ara n-nota tal-qiegħ nru 12

30 Studju tal-Problema, p. 96

21. Fil-livell tal-UE, strumenti legali li kapaċi jgħinu biex jissolvew talbiet transkonfinali tal-massa jridu jew jiġu implimentati fil-futur qrib inkella jiġu fis-seħħ dalwaqt. Id-Direttiva tal-Medjazzjoni[31] trid tiġi implimentata sal-2011, u l-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-applikazzjoni tagħha fl-2016. Ir-Regolament Ewropew dwar Talbiet Żgħar[32] għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009, u l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni tiegħu fl-2014. Minkejja dan, iż-żewġ strumenti għandhom applikazzjoni limitata għat-talbiet tal-massa. Id-Direttiva tal-Medjazzjoni tista' biss tgħin f'każijiet fejn il-partijiet lesti li jidħlu f'medjazzjoni. Ir-Regolament Ewropew dwar Talbiet Żgħar jikkonċerna tilwim transkonfinali li ma jaqbiżx EUR 2 000 u jiddependi japplikax għal rimedju kollettiv skont ir-regoli proċedurali nazzjonali. Dawn ir-regoli jistgħu jippermettu pereżempju, il-possibilità ta' raggruppament ta' bosta talbiet individwali kontra l-istess kummerċjant, u kull wieħed minnhom ma jkunx jaqbeż il-limitu massimu previst minn dan ir-Regolament. Jista' jkun vantaġġjuż li wieħed jistenna l-istima tal-impatt ta' dawn il-miżuri tal-UE fuq it-talbiet tal-massa.

22. L-alternattiva 1 għandha tfisser li wieħed jistenna sakemm ikun hemm aktar informazzjoni[33] disponibbli dwar l-effett tal-miżuri nazzjonali u dawk tal-UE fis-seħħ jew li waslu biex jiġu implimentati. Hija għandha l-vantaġġ li ma timponi l-ebda spiża addizzjonali ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri jew in-negozji. Għandha l-iżvantaġġ li tħalli mezzi differenti ta' rimedju disponibbli għall-konsumaturi, skont il-post residenzjali tagħhom jew l-Istat Membru fejn seħħet it-tranżazzjoni jew fejn seħħ id-dannu. Din il-qagħda frammentata tista' twassal għal tagħwiġ tal-kompetizzjoni u tagħti lill-konsumaturi madwar l-UE livell differenti ta' rimedju. Din l-alternattiva possibilment ma tipprovdix rimedju sodisfaċenti lil għadd ta' konsumaturi kkonċernati jew tirrimedja ostakli għas-Suq Waħdieni.

L-alternattiva 2– Il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri

23. Din l-alternattiva tinvolvi l-iżvilupp ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiżguraw li l-konsumaturi madwar l-UE jkunu jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv li huma disponibbli fl-Istati Membri differenti. Din l-alternattiva għandha tiżgura li l-Istati Membri li għandhom mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv jiftħu l-mekkaniżmi rispettivi tagħhom għal konsumaturi minn Stati Membri oħra u li l-Istati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv iwaqqfu wieħed. Dan jista' jinkiseb jew permezz ta' Rakkomandazzjoni inkella permezz ta' Direttiva. Simultanjament, Rakkomandazzjoni tista' tistipula sett ta' standards ta' referenza li s-sistemi kollha tal-Istati Membri għandhom jissodisfaw.

24. Bħalissa 13-il Stat Membru għandhom xi forma ta' rimedju kollettiv (azzjoni rappreżentattiva, azzjoni ta' grupp, mekkaniżmu ta' każ maħsub biex jipprovoka interpretazzjoni legali (test case)). Dawn l-azzjonijiet jistgħu jitressqu minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, individwi jew korpi pubbliċi. Pereżempju, jekk kummerċjant fi Stat Membru li għandu azzjoni rappreżentattiva wettaq ksur tal-

---

31 Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.

32 Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1

33 Biex tikseb evidenza dwar it-tħaddim tas-sistemi differenti ta' rimedju, se tintuża t-Tabella tal-Punteġġi tas-Swieq tal-Konsumatur biex tippreżenta d-dejta miġbura dwar kwistjonijiet ta' rimedju

leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-entità nazzjonali kompetenti tirrappreżenta wkoll konsumaturi minn Stati Membri oħra, jew għandu jippermetti lill-entitajiet minn Stati Membri oħra biex iressqu azzjoni rappreżentattiva quddiem il-qrati tiegħu. Fil-każ ta' grupp ta' azzjoni, l-Istat Membru relevanti għandu jippermetti lill-konsumaturi minn Stat Membru ieħor biex jingħaqdu ma' azzjonijiet imressqa mill-konsumaturi tiegħu nnifsu jew għandu jippermetti lill-konsumaturi minn Stati Membri oħra biex jagħtu bidu għal azzjonijiet quddiem il-qrati tiegħu. Fl-aħħarnett, Stat Membru b'test case għandu jippermetti lill-konsumaturi minn Stati Membri oħrajn biex jippreżentaw test case quddiem il-qrati tiegħu, u jiżgura li l-effett ta' kwalunkwe test case jiġi estiż għall-konsumaturi kollha milquta, irrispettivament min-nazzjonalità jew ir-residenza tagħhom.

25. Il-ftuħ ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' rimedju kollettiv jista' jiġi ffaċilitat billi jiġi stabbilit netwerk ta' kooperazzjoni li jlaqqa' lill-entitajiet li għandhom is-setgħa li jressqu azzjoni ta' rimedju kollettiv f'dawk l-Istati Membri li għandhom mekkaniżmi bħal dawn, inklużi korpi pubbliċi u organizzazzjonijiet tal-konsumatur.

26. Għal azzjonijiet rappreżentattivi, il-kooperazzjoni tista' tinvolvi l-entitajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-kummerċjant li jew iressqu azzjoni rappreżentattiva f'isem il-konsumaturi li jinsabu fi Stati Membri oħra fuq talba tal-entitajiet tal-kontraparti tagħhom f'dawn l-Istati Membri, inkella li jgħinu lil dawn l-entitajiet ta' kontraparti biex jieħdu azzjoni diretta. Għal azzjonijiet ta' grupp u għal test case, membri tan-netwerk fl-Istat Membru kkonċernat jistgħu jikkooperaw fl-għajnuna ta' konsumaturi li ġarrbu dannu biex iressqu azzjonijiet ta' grupp jew test case jew jingħaqdu magħhom quddiem il-qrati fl-Istat Membru tal-kummerċjant.

27. L-għajnuna mogħtija tista' tinkludi t-tnedija ta' kampanji ta' informazzjoni dwar azzjonijiet pendenti ta' rimedju kollettiv, il-ġbir ta' talbiet, għajnuna bit-traduzzjoni ta' dokumenti, l-ispjegazzjoni ta' proċedimenti ġuridiċi u l-għajnuna biex jinstabu persuni li jippratttikaw il-liġi u esperti nazzjonali.

28. L-Istati Membri b'mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv jistgħu jirreżistu li jagħtu riżorsi lill-entitajiet tagħhom biex iressqu azzjonijiet ta' rimedju kollettiv f'isem konsumaturi minn Stati Membri oħra jew li jgħinu lil dawn il-konsumaturi quddiem il-qrati tagħhom meta entitajiet fi Stati Membri li ma għandhomx mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ma jkollhomx obbligu bħal dan. Konsultazzjonijiet informali mal-organizzazzjonijiet fi Stati Membri bħal dawn jidhru li jindikaw li huma ma jkunux lesti li jiżviluppaw attivitajiet bħal dawn minħabba nuqqas ta' riżorsi. Ikollu jiġi introdott mekkaniżmu ġust għal kif jinqasmu l-ispejjeż tal-proċedimenti. L-Istati Membri jistgħu jitħeġġu wkoll biex jipprovdu biżżejjed riżorsi lill-entitajiet tagħhom għal dan l-iskop.

29. Il-ħidma tan-netwerk ta' kooperazzjoni tista' tiġi ffaċilitata min-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur (ECC-Net). Il-vantaġġ li jintuża l-ECC-Net huwa li dan huwa netwerk li jifrex mal-UE kollha li huwa diġà stabbilit. Minkejja dan, minħabba li bħalissa jaħdem fil-biċċa l-kbira fuq azzjonijiet individwali transkonfinali 'l barra mill-qrati, jeħtieġ għarfien espert differenti u aktar riżorsi[34].

30. Minflok, jista' jinħoloq netwerk speċifiku ġdid dwar rimedju kollettiv. Il-finanzjament meħtieġ għal netwerk bħal dan ikun jiddependi mill-pressjoni ta'

[34] Dan jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali li għandhom jiġu deċiżi mal-Istati Membri

xogħol tiegħu li min-naħa tagħha tiddependi fuq l-għadd ta' entitajiet li jappartjenu għan-netwerk, il-kompetenza u l-għarfien espert tagħhom, il-kompiti eżatti assenjati lilhom u l-għadd ta' każijiet transkonfinali li jinqalgħu.

31. Kwistjonijiet relatati mal-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali (ara l-paragrafi 58-60), jinqalgħu wkoll b'din l-alternattiva.

L-alternattiva 3: Taħlita ta' strumenti politiċi

32. L-alternattiva 3 tipprevedi taħlita ta' għodda ta' politika, li ma jorbtux jew li jorbtu, li flimkien jistgħu jsaħħu r-rimedju tal-konsumaturi billi jindirizzaw l-ostakli ewlenin identifikati aktar qabel, speċifikament l-ispejjeż għolja ta' litigazzjoni, il-kumplessità u t-tul tal-proċedimenti, in-nuqqas ta' informazzjoni tal-konsumaturi dwar il-mezzi disponibbli ta' rimedju. Hija tinvolvi: it-titjib ta' mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim, l-estensjoni tal-ambitu tal-proċeduri nazzjonali tat-talbiet żgħar għal talbiet tal-massa, l-estensjoni tal-ambitu tar-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur, it-tħeġġiġ tan-negozji biex itejbu l-iskemi tagħhom ta' trattament tal-ilmenti u biex jieħdu azzjoni biex iqajmu l-għarfien tal-konsumaturi dwar mezzi eżistenti ta' rimedju.

33. Meta l-konsumaturi jiddeċiedu jekk jieħdux azzjoni jew le, il-valur ta' talba huwa parametru importanti. Il-konsumaturi probabbli ma jaġixxux meta t-talba tagħhom tkun inqas minn ċertu limitu. Skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, proċeduri tat-talbiet żgħar u kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali ta' infurzar pubbliku jistgħu jkunu iktar effiċjenti għal-livelli differenti ta' valur tat-talba.

34. Meta ż-żewġ partijiet ikollhom biżżejjed inċentivi[35] biex jirrikorru għal skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, din l-għodda wriet li hija alternattiva effiċjenti għal proċedimenti fil-qorti f'każijiet ta' valur baxx jew medju, minħabba li tista' tgħaġġel iżjed, tkun irħas u aktar flessibbli. Skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim jistgħu jkunu inqas adattati għal talbiet ta' valur għoli, li spiss jinvolvu fatti u ġbir tal-evidenza kumplessi. Għal talbiet li huma ta' livell baxx ħafna l-konsumaturi mhumiex probabbli li jfittxu rimedju minħabba li t-telfa individwali hija inqas mill-ispiża ta' litigazzjoni.

35. Il-proċeduri tat-talbiet żgħar huma proċeduri simplifikati tal-qorti bi spejjeż baxxi ta' litigazzjoni u relattivament trattament mgħaġġel. Għal dawn ir-raġunijiet huma għodda tajba għal talbiet individwali ta' valur baxx jew medju, meta l-partijiet jirrifjutaw li jinnegozjaw.

36. Azzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali pubbliċi ta' infurzar bħalma huma dawk tan-netwerk tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur tista' tipprovdi rimedju effiċjenti f'każijiet fejn skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u proċeduri tat-talbiet żgħar huma inqas probabbli li jaħdmu, partikolarment f'każijiet ta' valur baxx ħafna fejn il-konsumaturi jkollhom inċentiv żgħir li jieħdu azzjoni.

37. **Skemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim** eżistenti tal-konsumaturi jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri u bejniethom. Huma jistgħu jkunu finanzjati mill-pubbliku jew mill-privat, ikunu ġestjonati minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, minn korpi kostitwiti jew individwali, ikollhom kopertura b'firxa nazzjonali,

[35] Pereżempju attenzjoni mill-mezzi tal-massa jew id-disponibilità ta' rimedju ġuridiku effettiv

reġjonali jew lokali, ikunu responsabbli għat-talbiet kollha tal-konsumaturi jew responsabbli biss għal talbiet f'settur speċifiku, jieħdu deċiżjonijiet li jorbtu jew li ma jorbtux jew iwasslu għal qbil bejn iż-żewġ partijiet. Hemm ukoll lakuni sinifikanti fil-kopertura tas-soluzzjoni alternattiva ta' tilwim, kemm speċifiċi għas-settur kif ukoll ġeografiċi. Għalhekk mhux it-talbiet kollha tal-konsumaturi jistgħu jiġu ttrattati permezz tal-iskemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim. Il-biċċa l-kbira tal-iskemi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim fi ħdan l-UE jitrattaw prinċipalment it-talbiet individwali. Xi wħud mill-Istati Membri emendaw[36] jew jistgħu jadattaw[37] il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jagħrfu speċifikament mekkaniżmi alternattivi kollettivi ta' soluzzjoni tat-tilwim.

38. Il-qafas eżistenti tal-UE ma jeskludix skemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim. Minkejja li ż-żewġ Rakkomandazzjonijiet dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim ma tfasslux bil-ħsieb tas-soluzzjoni ta' talbiet kollettivi tal-konsumatur, il-prinċipji tagħhom jistgħu jiġu applikati wkoll għal skemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim. Ir-Rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu ssumpplementati biex jirreaġixxu għal kwistjonijiet speċifiċi marbuta mal-ġestjoni tat-talbiet kollettivi.

39. L-UE tista' tħeġġeġ lill-Istati Membri biex iwaqqfu skemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim filwaqt li jiżguraw li skemi bħal dawn ikunu disponibbli fit-territorju kollu tagħhom għat-talbiet kollha tal-konsumaturi u jkunu aċċessibbli għall-konsumaturi minn Stati Membri oħra. L-Istati Membri jista' jkollhom l-għażla dwar kif jistabbilixxu skemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim. Jistgħu jew jirranġaw l-iskemi eżistenti tagħhom inkella jwaqqfu skema waħda ta' soluzzjoni alternttiva kollettiva tat-tilwim jew aktar biex jitrattaw it-talbiet kollettivi tal-konsumaturi. In-netwerks Ewropej eżistenti bħalma huma ECC-Net jew FIN-Net li diġà jgħinu lil konsumatur individwali biex ikollhom aċċess għal soluzzjoni alternattiva ta' tilwim f'pajjiż ieħor jistgħu jgħinu wkoll lil konsumaturi b'talbiet simili biex ikollhom aċċess għall-iskemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim xierqa fi Stat Membru ieħor. Dan jista' jwassal għal spejjeż supplimentari possibbli tal-operat għal dawn in-netwerks. Kull spiża addizzjonali għandha tiġi deċiża bi qbil mal-Istati Membri li jikkofinanzjaw l-ECC-Net.

40. Dan jista' jinkiseb jew permezz ta' Rikomandazzjoni inkella permezz ta' Direttiva. Rakkomandazzjoni bi proċess ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultat għandha toffri flessibilità fl-implimentazzjoni tagħha u tista' titfassal bħala l-ewwel pass. Direttiva tal-UE tista' tirrikjedi wkoll lill-Istati Membri biex iwaqqfu skemi alternattivi kollettivi ta' soluzzjoni tat-tilwim. Kwalunkwe wieħed minn strumenti ta' dan it-tip jista' jkun aktar iddettaljat u jista' jippreżenta l-komponenti ewlenin ta' skema alternattiva kollettiva ta' soluzzjoni tat-tilwim (pereżempju, il-kompożizzjoni tal-iskema u l-proċedura).

41. Simultanjament, il-Kummissjon tista' tlaqqa' l-partijiet interessati biex jiżviluppaw mudell standard għal skema ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim li jkun faċli biex jintuża, partikolarment f'sitwazzjoni transkonfinali. Dan il-mudell standard jkun jista' jippreżenta l-komponenti ewlenin ta' skema ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim. Mudell bħal dan jista' jintuża mill-partijiet interessati li jridu jwaqqfu skema ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim. Huwa għandu jkun

---

36 L-Iżvezja, il-Finlandja

37 Is-Slovenja

pass volontarju fid-direzzjoni tal-kisba ta' konverġenza ta' skemi ta' soluzzjoni alternattiva kollettiva tat-tilwim.

42. Miżura oħra li tista' ttejjeb il-mekkaniżmi eżistenti ta' rimedju hija li l-Istati Membri jestendu l-ambitu tal-**proċeduri tat-talbiet żgħar** tagħhom, biex ikunu jistgħu jitrattaw ukoll b'mod effiċjenti talbiet tal-massa f'kuntest nazzjonali u transkonfinali. Pereżempju, meta bosta individwi jkollhom l-istess talba kontra l-istess kummerċjant għall-istess ħsara, dawn it-talbiet kollha jistgħu jinġabru flimkien, idealment mill-qorti, u jistgħu jiġu trattati bil-proċeduri simplifikati previsti għal talbiet żgħar individwali. Rakkomandazzjoni bi proċess ta' monitoraġġ tista' tkun l-istrument xieraq.

43. **Ir-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur** waqqaf netwerk li jifrex mal-UE kollha ta' awtoritajiet nazzjonali pubbliċi tal-infurzar. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jappellaw lil membri oħrajn tan-netwerk għal għajnuna biex jinvestigaw ksur possibbli tal-liġijiet tal-konsumatur u biex jieħdu azzjoni kontra kummerċjanti li wettqu ksur bħal dan. Ir-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur iwaqqaf sett mhux eżawrjenti ta' setgħat ta' investigazzjoni u infurzar meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu eżerċitati biss fejn hemm suspett raġjonevoli ta' ksur intrakomunitarju, u jinkludu setgħa li tobbliga l-waqfien jew il-projbizzjoni ta' kwalunkwe ksur intrakomunitarju.

44. Ir-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur jista' jiġi emendat biex jinkludi setgħa li permezz tagħha awtorità kompetenti, wara li ssib ksur intrakomunitarju, tista' tobbliga lill-kummerċjant biex jikkumpensa lil konsumaturi li sofrew dannu[38]. It-tħaddim dettaljat ta' mekkaniżmu bħal dan jitħalla f'idejn l-Istati Membri. Huma għandhomm jitrattaw kwistjonijiet bħalma huma l-finanzjament, kif u permezz ta' liema entità se jinstabu u jiġu informati l-konsumaturi milquta, x'tip ta' evidenza l-konsumaturi jeħtieġ li jipprovdu, il-miżuri li jridu jittieħdu jekk il-kummerċjant ma jikkonformax mal-ordni ta' kumpens, u l-possibilitajiet għall-appell. Minflok, kwistjonijiet bħal dawn ikunu jistgħu jiġu ttrattati fil-livell tal-UE permezz ta' Rakkomandazzjoni jew Direttiva. Dwar il-finanzjament, l-Artikolu 4(7) tar-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur jistipula li "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom riżorsi meħtieġa disponibbli għall-applikazzjoni at' dan ir-Regolament."

45. L-ambitu tar-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur ikun jeħtieġ li jinkludi taħt "ksur intrakomunitarju" atti li jagħmlu ħsara l-interessi individwali ta' konsumaturi numerużi flimkien ma' atti li jagħmlu ħsara lill-interess kollettiv ta' konsumaturi. Limitu massimu tal-għadd ta' konsumaturi involuti ikun jeħtieġ li jiġi stabbilit. Il-kumpens li jirriżulta minn sentenza tal-qorti jew awtorità pubblika għandu jitqassam kif xieraq lill-konsumaturi minn Stati Membri oħra. Speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' talbiet ta' valur baxx ħafna, ir-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur jista' jipprevedi setgħa li l-kummerċjanti jitneżża' mill-qligħ li għamel bi ksur intrakomunitarju. Dan ikun jimplika li l-Istati Membri jkollhom jagħtu din is-setgħa lill-awtoritajiet pubbliċi

[38] Il-Kummissjoni kkonsultat informalment in-netwerk CPC, u jidher li fil-maġġoranza vasta tal-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi ta' infurzar ma għandhomx is-setgħa biex jordnaw lill-kummerċjanti li wettqu ksur intrakomunitarju biex jikkumpensaw lill-konumaturi, filwaqt li huma biss ftit Stat Membri li għandhom id-dritt li jfittxu għad-danni lil kontraventuri f'isem il-konsumaturi

tagħhom[39]. Id-dettalji jitħallew f'idejn l-Istati Membri. Pereżempju, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk l-ammont li tneżża' jmurx għand it-teżor tal-Istat jew għal skopijiet relatati mal-konsumatur. L-ambitu tar-Regolament tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur għandu jibqa' l-istess. F'sistema bħal din konsumaturi individwali ma jkunux jistgħu jiksbu porzjon mill-qligħ imneżża'. Il-konsumaturi għandhom jibbenefikaw mill-effett ta' deterrent li sistema bħal din tħalli fuq il-kummerċjanti.

46. In-negozji għandhom interess li jiżguraw li l-konsumaturi tagħhom huma kuntenti. Miżuri awtoregolatorji, jistgħu jitħeġġu fejn għadhom ma jeżistux. Miżuri eżistenti jistgħu jittejbu aktar. Dan jinvolvi pereżempju l-iżgurar li n-negozji kollha jkollhom **sistema ta' trattament tal-ilmenti** interna li hija kredibbli, taħdem b'mod effiċjenti u li hija soġġetta għal monitoraġġ indipendenti jew standards ta' verifika finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tħeġġeġ in-negozji kollha, partikolarment f'dawk is-setturi fejn jiġu rappurtati aktar problemi tal-massa, biex jiżviluppaw miżuri awtoregolatorji fil-forma ta' kodiċi u biex jagħmluha magħrufa tajjeb mal-konsumaturi.

47. Biex jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-mezzi tagħhom ta' rimedju, jistgħu jiġu previsti **azzjonijiet li jqajmu l-għarfien**. Dawn jistgħu jkunu fil-forma ta' attivitajiet ta' informazzjoni tal-UE jew nazzjonali, jew b'mod ġenerali inkella mfassla għal setturi speċifiċi. Azzjonijiet possibbli jistgħu jvarjaw minn okkażjonijiet ta' informazzjoni organizzati minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi sa azzjonijiet promossi mill-Istati Membri jew l-UE.

L-alternattiva 4 – Proċedura ġuridika ta' rimedju kollettiv

48. Din l-alternattiva tipproponi miżura tal-UE li ma torbotx jew li torbot biex tiżgura li jeżisti mekkaniżmu ġuridiku ta' rimedju kollettiv fl-Istati Membri kollha. Proċedura bħal din għandha tiżgura li kull konsumatur minn madwar l-UE jkun jista' jikseb rimedju adattat f'każijiet tal-massa permezz ta' azzjonijiet rappreżentattivi, azzjonijiet ta' grupp jew test case. Il-kwistjonijiet li jridu jiġu deċiżi jinkludu l-finanzjament tal-proċedura, kif jiġu evitati talbiet mhux meritevoli, jedd li taġixxi fil-qorti, il-kwistjoni ta' proċedura fakultattiva jew proċedura ta' deroga u t-tqassim tal-kumpens. L-iskop ta' din l-alternattiva huwa li l-konsumaturi jingħataw proċedura ġuridika ta' rimedju kollettiv li hija effettiva u effiċjenti li tipprovdilhom rimedju. Fi kwalunkwe każ, din l-alternattiva għandha tevita elementi li jingħad li jħeġġu kultura ta' litigazzjoni bħalma jingħad li teżisti f'xi pajjiżi mhux Ewropej, bħalma huma danni punittivi, drittijiet legali varjabbli skont il-kumpens u elementi oħra.

49. Dwar il-kwistjoni ta' **finanzjament**, l-ispejjeż jistgħu jżommu lill-konsumaturi milli jidħlu għal azzjoni kollettiva u jagħmluha diffiċli ħafna għal organizzazzjonijiet tal-konsumatur biex jitrattaw każijiet tal-massa f'azzjonijiet rappreżentattivi.

50. Soluzzjoni - waħda - parzjali għandha tiffoka fuq li jitqaċċtu l-ispejjeż pereżempju billi jiġu eżentati azzjonijiet kollettivi minn spejjeż tal-qorti u drittijiet legali.

51. Fir-rigward ta' azzjonijiet rappreżentattivi, il-finanzjament ta' entitajiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi huwa kruċjali. Wieħed jista' jqis l-allokazzjoni ta' proporzjon mill-kumpens lill-organizzazzjoni biex ikopri l-ispejjeż tagħha. Parti terza

[39] Il-Kummissjoni kkonsultat informalment in-netwerk CPC, u jidher li setgħa bħal din ma teżistix fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

(pereżempju banek) jew korp pubbliku jista' jagħti self biex ikopri finanzjament minn qabel li jista' jinħtieġ tal-proċedimenti tal-qorti. Il-finanzjament ta' litigazzjoni minn partijiet terzi privati (pereżempju kumpaniji speċjalizzati fil-finanzjament tal-litigazzjoni) huwa pprattikat b'suċċess f'xi Stati Membri. Soluzzjoni oħra tista' tkun il-finanzjament mill-Istat Membru. Soluzzjonijiet differenti ta' finanzjament jistgħu wkoll jingħaqdu.

52. Mekkaniżmu tal-UE għandi jiffaċilita talbiet meritevoli u jibbenefika l-konsumaturi. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jnaffar industrija tal-litigazzjoni kif imsemmi qabel, minħabba li din tibbenefika lill-avukati aktar milli l-konsumaturi u toħloq spejjeż għolja għall-akkużati. Sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' abbuż ta' mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv, bosta elementi jikkwalifikaw bħala salvagwardji u jgħinu biex **jevitaw talbiet mhux meritevoli**. Il-maġistrat jista' jkollu rwol importanti billi jiddeċiedi jekk talba kollettiva hijiex mhux meritevoli jew ammissibbli. Iċ-ċertifikazzjoni tal-entità rappreżentattiva bħala kustodju tal-aċċess, flimkien mal-prinċipju ta' min jitlef iħallas fl-Istati Membri fejn jeżisti. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jkunu kustodji potenzjali tal-aċċess waqt il-finanzjament tar-rimedju kollettiv, u jirrifjutaw li jallokaw miżuri għal talbiex mhux meritevoli.

53. Il-pożizzjoni tal-konsumatur fil-proċeduri tal-qorti tar-rimedju kollettiv tista' tissaħħaħ billi tingħata **valur ġuridiku** biex issegwi azzjoni rappreżentattiva lil entitajiet kwalifikati bħalma huma organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew l-ombudsmen.

54. Element importanti tal-proċeduri ta' rimedju kollettiv hija d-deċiżjoni ta' jekk għandhiex tiddaħħa jew le **proċedura fakultattiva jew waħda ta' deroga**.

55. Sistemi fakultattivi jistgħu jitfgħu ħafna piż fuq l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew ikunu intensivi għalihom mil-lat ta' spejjeż liema u dawn l-organizzazzjonijiet iridu jagħmlu x-xogħol ta' tħejjija bħalma huwa l-identifikar tal-konsumaturi, l-istipular tal-fatti ta' kull każ, kif ukoll il-ġestjoni tal-każ u l-komunikazzjoni ma' kull attur. Huma jistgħu wkoll jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu numru għoli biżżejjed ta' konsumaturi li jagħżlu li jipparteċipaw fil-każ ta' dannu ta' valur baxx ħafna, meta l-konsumaturi huma inqas probabbli li jaġixxu. Minkejja dan, huma ma jinvolvux ir-riskju ta' promozzjoni ta' talbiet eċċessivi jew mhux meritevoli.

56. Soluzzjonijiet ta' deroga jistgħu jtaffu wħud mid-diffikultajiet tas-sistemi fakultattivi. Minkejja dan, huma spiss meqjusa b'mod negattiv fl-Ewropa minħabba r-riskju li allegament iħeġġu litigazzjoni eċċessiva kif esperjenzata f'ċerti ġurisdizzjonijiet mhux Ewropej. Kwalunkwe sistema ta' rimedju kollettiv għandha titfassal biex tevita riskju bħal dan. Fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni ta' tixrid transkonfinali tal-informazzjoni tibqa' relevanti. In-nuqqas ta' informazzjoni jista' jwassal għal qagħda fejn il-konsumaturi jkunu marbuta minn sentenza mingħajr ma jkunu jafu jew mingħajr ma jkunu setgħu jikkontestaw il-ġestjoni tal-każ. Barra minn dan, f'ċirkostanzi ta' deroga l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jistgħu jiltaqgħu ma' diffikulta meta jkollhom jidentifikaw il-vittmi u jqassmu l-kumpens.

57. Fi proċedura fakultattiva l-problemi msemmija jistgħu jiġu solvuti billi l-qorti **tqassam il-kumpens** u tippermetti lill-konsumaturi biex jingħaqdu azzjoni tal-massa wara s-sentenza f'test case inqatgħet u tagħti lis-sentenza effett għall-vittmi kollha. Minkejja dan, kull konsumatur għandu jkollu jsegwi proċedura ġudizzjarja speċifika sabiex jibbenefika mis-sentenza.

58. F'**każijiet transkonfinali** r-regolament dwar il-ġurisdizzjoni[40] għandu jkun applikabbli għal kwalunkwe azzjoni inkluża l-azzjoni mressqa quddiem il-qorti minn awtorità pubblika, jekk qed teżerċita drittijiet privatei (pereżempju l-ombudsment ifittex għal danni f'isem il-konsumaturi). Azzjonijiet rappreżentattivi jkollhom jittellgħu quddiem il-qorti tal-kummerċjant jew il-qorti tal-post ta' fejn twettaq il-kuntratt (l-Artikolu 5(1)).

59. F'każijiet tal-massa fejn il-konsumaturi ġejjin minn Stati Membri differenti, il-qorti jkollha tapplika għal obbligi kuntrattwali tal-liġijiet nazzjonali differenti tal-konsumaturi varji (l-Artikolu 6 Ir-Regolament ta' Ruma I[41]). Dan għandu jikkawża problemi prattiċi f'każijiet b'konsumaturi minn bosta Stati Membri differenti. Soluzzjoni taf tkun li tiġi introdott emenda għar-regoli li jimponu l-liġi tal-kummerċjant f'każijiet ta' rimedju kollettiv. Alternattivi oħrajn huma l-applikazzjoni tal-liġi tas-suq l-aktar milqut jew l-Istat Membru fejn hija stabbilita l-entità rappreżentattiva.

60. F'qagħdiet simili fil-qasam tar-responsabilità tal-prodott (l-Artikolu 5 r-Regolament ta' Ruma II[42]) għażla ta' qbil tal-liġi wara li tkun seħħet okkażjoni ta' ħsara (l-Artikolu 14(1a) tar-Regolament ta' Ruma II) għandha tgħin.

M1: X'inhuma l-opinjonijiet tiegħek dwar ir-rwol tal-UE fir-rigward tar-rimedju kollettiv tal-konsumaturi?

M2: Liema alternattiva tippreferi mill-erba' stipulati hawn fuq? Hemm alternattiva li kieku inti tirrifjuta?

M3: Hemm elementi speċifiċi tal-alternattivi li taqbel/ma taqbilx magħhom?

M4: Hemm elementi oħrajn li għandhom jiffurmaw parti mill-alternattiva preferita tiegħek?

Q5: Fil-każ li tippreferi amalgamazzjoni ta' alternattivi, liema alternattivi trid tamalgama u xi jkunu l-karatteristiċi tagħha?

Q6: Fil-każ tal-alternattivi 2, 3 jew 4, tara ħtieġa għal strumenti li jorbtu jew tippreferi strumenti li ma jorbtux?

Q7: Taħseb li jista' jkun hemm mezz ieħor kif tiġi indirizzata l-problema?

---

40 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

41 Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6

42 Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40

Permezz ta' din il-Green Paper il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-persuni interessati biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom billi jibagħtu t-tweġibiet tagħhom (immarkati "Reazzjoni għall-Green Paper dwar Rimedju Kollettiv tal-Konsumaturi") sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2009 lil:

European Commission
Directorate-General Health and Consumers
Rue de la Loi 200
1049 Brussels
Belgium

Jew permezz ta' ittra elettronika lil **Sanco-consumer-collective-redress@ec.europa.eu**

Il-kontribuzzjonijiet se jiġu ppubblikati fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali tas-Saħħa u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa possibbli li titlob li l-preżentazzjonijiet jibqgħu kunfidenzjali. F'dan il-każ, il-kontributuri għandhom jiddikjaraw b'mod espliċitu fl-ewwel paġna tal-preżentazzjoni tagħhom li huma kontra l-pubblikazzjoni. Il-Kummissjoni se tinvestiga l-kontribuzzjonijiet u tippubblika ġabra tagħhom fil-qosor fl-ewwel nofs tal-2009.

Abbażi tar-riżultat tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta dokument ieħor ta' politika fl-2009.

L-istqarrija ta' privatezza

L-iskop u l-ambitu tal-ipproċessar tad-dejta personali:

Id-Direttorat Ġenerali tas-Saħħa u l-Konsumaturi għandu jirreġistra u jipproċessa b'mod ulterjuri d-dettalji personali tiegħek sal-punt li dawn jinħtieġu għas-segwitu tal-kontribuzzjoni tiegħek għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar ir-Rimedju Kollettiv tal-Konsumaturi.

Id-dejta tiegħek għandha tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

Id-dejta tiegħek tiġi rreġistrata u tinħażen sakemm jinħtieġu azzjonijiet ta' segwitu fil-kuntest tal-kontribuzzjoni tiegħek.

Għal skopijiet ta' trasparenza, il-kontribuzzjonijiet, inklużi ismek u l-kariga fl-organizzazzjoni tiegħek se jiġu kkomunikati lill-pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-paġni tal-web tas-Saħħa u l-Konsumatur fuq Europa fuq:

http://ec.europa.eu/consumers/redress_cons/collective_redress_en.htm

Id-dritt ta' retifika u r-regolatur tad-dejta personali:

Jekk għandek bżonn aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tiegħek jew dwar id-drittijiet tiegħek ta' eżerċitar (pereżempju aċċess għal jew retifika ta' kwalunkwe dejta mhux preċiża jew mhux kompluta) jekk jogħġbok ikkuntattja:

Sanco-consumer-collective-redress@ec.europa.eu

Għandek id-dritt ta' rikors fi kwalunkwe żmien għar-Regolatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta fuq edps@edps.europa.eu